# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)

***Kump.158/01***

***Pulizija***
***Spettur Mario Bonello***
***vs***
***Mariano sive Mario Camilleri***

Illum 15 ta' Novembru 2001

***Akkuzi***
Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat huma bazati fuq is-segwenti reati:
**Tentattiv ta' ferita gravi fuq il-persuna;**
**Ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna;**
**Hsara volontarja;**
**Reati ohra ta' natura kontravvenzjonali; u**
**Recidivita'**

***Kwadru tal-fatti***
Illi l-process odjern origina minn incident li sehh fl-4 ta' Marzu 2001 ghal habta tal-4.30 pm go Hal Balzan bejn l-imputat u certu Joseph Attard li, flimkien ma' membri tal-familja tieghu, jiggestixxi forn qrib hafna tar-residenza tal-imputat.

Irrizulta li fil-hin inkriminat, Paul Attard li jigi hu l-imputat kien qieghed fit-triq jhott xi injam li jidher li kien jigi storjat fit-triq fil-vicinanzi tal-forn, l-imputat mill-fond tieghu ghamlillu sinjal sabiex jieqaf ghax kien qed jghamel hafna storbju. Sadanittant hareget tghin lill Paul Attard, Christine Cachia li tigi l-gharusa tal-imsemmi Paul Attard.

Illi kif ra li x-xoghol kien ser jitkompla, l-imputat qabad jghajjat u jghidhi u beda jghid lill-Joseph Attard li kien ser jghalqilhom il-bieb tal-forn. Meta sema' hekk, Joseph Attard irrabbja u waqt li dana kien riesaq minn gewwa lejn il-bieb ta' barra, l-imputat baqa' diehel irrabbjat fil-forn.

Dawn gew fl-idejn bir-rizultat li Joseph Attard sofra griehi ta' natura hafifa, f' forma ta' grif, u daqqa f' rasu kkagunata minn xi oggett iebes li sussegwentement irrizulta li kien ratal li dak il-hin inserta li kien qieghed fuq il-mizien vicin il-bieb tal-forn. Anki l-imsemmija Christine Cachia sofriet

griehi ta' natura hafifa meta dina dahhlet bejniethom sabiex tikkalma s-sitwazzjoni.

Illi sussegwentement intervienew famijari tal-imputat u razznuh. Sadanittant dana beda jhedded lill Joseph Attard u membri tal-familja tieghu li kien ha joqtolhom.

Illi Joseph Attard allega li waqt il-glieda saret hsara fil-gizirana li kellu f' ghonqu u li kien hallas LM45 sabiex jsewwiha.

***L-imputat***

Illi fid-deposizjoni tieghu l-imputat in sostanza qal li meta huwa mar ghand Joseph Attard sabiex jwissih dwar il-hsejjes, dana kellmu hazin u gew fl-idejn. Huwa qal li *"ma* ***jidhirlix*** *li waddabtulu jien r-ratal (emfasi tal-Qorti)".*

L-imputat spjega kif huwa jadem bhala *watchman* bil-lejl u ghalkemm matul il-gurnata ikun irid jistrih, dana ma jkunx jista' jghamlu minhabba l-hsejjes tal-injam qed jigi stivat jew jntehet fl-art. Huwa qal li fis-sajf ma jkunux jistghu joqghodu barra ghal frisk minhabba in-nigrifun kkagunat mill-hruq tal-injam.

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

Illi fil-fehma tal-Qorti l-akkuzi dedotti kontra l-imputat, hlief dik bazata fuq ir-reat ta' Hsara Volontarja, jirrizultaw sodisfacentement provati skond il-ligi. Il-Qorti sodisfatta li l-griehi li garrbu Joseh Attard u Catherine Cachia gew ikkagunati mill-imputat waqt l-incident.

Illi rigward l-ewwel akkuza, il-Qorti tosserva li **l-oggett** (ratal tal-hadid) li intuza fil-kommissjoni tar-reat, kif ukoll il-**parti tal-gisem** (ras) fejn inghatat id-daqqa, jimmanifestew l-intenzjoni specifika da parti tal-imputat, awtur ta' dan id-delitt, li jikkaguna ferita ta' natura gravi, u l-mezz uzat kien certament idoneu sabiex jikkaguna tali ferita. Ghaldaqstant jikkonfigura r-reat ta' Tentattiv ta' ferita gravi fuq il-persuna

Illi r-reati l-ohra, hlief dak fuq indikat, jikkonfiguraw izda japplikaw il-principji li jirregolaw l-unicita' u l-asorbiment tar-reati.

Illi anki l-akkuza tar-recidivita' giet ukoll sodisfacentement provata skond il-ligi.

Illi l-akkuza bazata fuq il-Hsara Volontarja ma tissussistix, stante li l-provi f' dan ir-rigward huma skarsi u ma rrizultax provat bla dubbju ragjonveli li kien l-imputat li kkaguna l-hsara fil-gizirana allegata minn Joseph Attard.

***Piena***

In propositu ghal piena l-Qorti tghamel is-segwenti osservazzjonijiet.

Illi dana mhux l-ewwel incident fejn l-imputat minhabba r-rabbja aggredixxa persuna (ara sentenza esebita). Minn naha l-ohra pero' l-Qorti ma tistax tinjora l-kuntest cirkostanzjali li fihom gew kommessi l-imsemmija reati.

L-imputat dak il-hin kien irrabbjat u that agitazzjoni mentali minhabba l-istorbju li kien qed isir mic-caqliq tal-injam u s-sitwazzjoni li kien jinsab fiha fis-sens li jkollu jissaporti l-hsejjes kkagunati minn min jiggestixxi l-forn u li dawn il-hsejjes kienu itelfulu l-mistrieh tieghu. Dan il-fatt jassumi aktar relevanza meta jittiehed fid-dawl ta' dak li xehed l-imputat fis-sens li huwa jadem bhala *watchman* u ghalhekk jkollu bzonn jistrih matul il-gurnata.

Il-Qorti thoss li hija opportuna l-osservazzjoni li dan l-incident seta' jigi evitat bl-esercizju ta' naqra prudenza da parti tal-persuni li jahdmu fil-forn, sabiex jevitaw li jghamlu hsejjes inutili u li jistghu jiddisturbaw ir-residenti tal-inhawi.

That dawn ic-cirkostanzi il-Qorti ma thoss li ghandha timponi piena karcerarja, imma ghandha tinfliggi piena ta' natura pekunjarja sabiex, flimkien mal-garanzja, topera bhala deterrent adegwat u effettiv.

***<u>Decide</u>***

Ghal dawn il-motivi issib lill-imputat hati tal-akkuzi 1, 2, 3, 4, 5 u 7 u, wara li rat l-Artikoli 17, 41 b'referenza ghall-Artikolu 216(1)(a)(ii) u (d), 22, 338(bb)(dd), 339(e), 342 u 49 u 50 tal-Kap.9 u b' applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-istess Kap tikkundannah ghall-piena ta' ***multa ta' tlett mitt lira maltin (LM300)*** u inoltre torbot lill-imputat b' obbligazzjoni tieghu n-nifsu li ma jimmolestax lill Joseph Attard ghal zmien sena millum taht penali ta' mitt lira maltin (LM100), ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap.9

Ma ssibux hati tas-sitt akkuza u tilliberah minnha.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***